MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2007

Talba Numru. 1775/2005

**Aquatess Marketing Limited – C33435**

**Vs**

**Joseph Spiteri**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-30 ta' Settembru 2005 li permezz tieghu s-socjeta` attrici tallbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' Lm170 (mija u sebghin Liri Maltin), jew somma verjuri, rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tad-9 ta' Mejju 2005, u tal-ittra legali tas-27 ta' Mejju 2005, u bl-imghax tat-8% fuq Lm170 mid-9 ta' Mejju 2005, sal-hlas effettiv, u

inkluz Lm10 konsult, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut illi permezz taghha ecceppixxa illi t-talba tas-socjeta` attrici fil-konfront tieghu hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, stante li ma hija dovuta l-ebda somma mill-konvenut versu s-socjeta` attrici u li kwalsiasi bilanc li talvolta kien dovut minnhu versu s-socjeta` attrici gie pjenement mhallas. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz u bl-ispejjes kontra s-socjeta attrici.

Ra x-xhieda u d-dokumenti kollha prodotti ;

Ra illi fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2006, l-kawza kienet thalliet ghall-konkluzjoni tal-provi tal-konvenut;

Ra illi fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2006 fejn xehed il-konvenut, l-kawza thalliet ghall-kontinwazzjoni tal-provi tal-konvenut ghat-22 ta' Gunju 2006;

Ra illi fis-seduta tat-22 ta' Gunju 2006 ma deher hadd;

Ra illi fis-seduta ta' l-20 ta' Ottubru 2006 il-konvenut ma deherx u l-kawza giet differita ghall-konkluzjoni tal-provi tal-konvenut ghat-28 ta' Novembru 2006, bl-intendiment car illi wara dik is-seduta l-kawza tithalla ghas-sentenza;

Ra illi fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2006, il-konvenut u d-difensur tieghu msejjhin tlett darbiet ma dehrux, u allura kif kien indikat fil-verbal precedenti, l-kawza thalliet ghall-lum ghad-decizjoni;

Ikkunsidra :

Illi Joseph Busuttil (fol 14) xehed in rapprezentanza tas-socjeta` attrici u kkonferma l-ammont dovut ;

Illi filwaqt illi fir-risposta tieghu l-konvenut jghid illi ebda ammont mhu dovut "*stante illi kwalsiasi bilanc li talvolta kien dovut mill-konvenut versu s-socjeta` attrici gie pjenament imhallas*", il-konvenut naqas milli jipprova illi huwa effettwa l-hlas kif minnhu allegat.

Anzi, filwaqt illi l-konvenut jammetti illi meta s-salesman tas-socjeta` attrici kien imur ghandu "*jiena kont intih ghaxar Liri (Lm10) jew ghoxrin Lira (Lm20) biex naghlaqlu halqu*", mbaghad ikompli jghid illi l-ircevuta li kien jaghmillu s-salesman dejjem kienet "*on account*".

It-Tribunal isib illi l-versjoni tal-konvenut mhux attendibbli, kredibbli u ma tantx tista` titwemmen meta jghid illi mbaghad kien ha decizjoni illi ma jibqghax ihallas – u fl-istess hin jecepixxi il-hlas shih u pjen da parti tieghu lis-socjeta` attrici.

It-Tribunal iqis, mill-ezami u apprezzament tal-provi kollha migjuba, illi l-konvenut naqas milli jipprova d-difiza tieghu, anzi, bi kliemu stess, jirrizulta illi kkontradixxa dak minnhu stess eccepit.

Ghaldaqstant, wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u ha konjizzjoni tal-provi kollha prodotti, it-Tribunal, b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa` t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u sebghin Liri Maltin (Lm170), bl-ispejjes u bl-imghax kif mitlub fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------